

# 130 Sena Bażilka

*is-Sur Manuel Żammit*

Iż-Żejtun, belt bi storja kbira ta' nies bieżla u ħawtiela. Belt b'kultura ta' tradizzjoni reliġjuża antika. Belt b'nies li għamlu ġieħ lil pajjiżna. Din is-sena qed jitfakkru żewġ ġrajjiet importanti għall-ħajja reliġjuża ta' dan il-lokal. Qed nirreferi għall-għeluq il-275 sena li l-knisja monumetali tagħna ddedikata lill-Verġni u Martri Lixandrina Santa Katerina ġiet ikkonsagrata lill-Ħanin Alla mill-Isqof Alferan de Bussan li fis-sena 1744; ġrajja miktuba b'ittri tad-deheb u li jixraq li tkun imfakkra bil-kbir.

Iżda xejn inqas minn din il-ġrajja ma hija ġrajja oħra li tagħmel ġieħ lill-isem ta' beltna ż-Żejtun, hija dik li se nagħti ftit tagħrif dwarha f'dan l-artiklu.

Qed nirreferi għal għeluq il-130 sena minn mindu l-knisja ċkejkna ddedikata lill-Verġni Marija taħt it-titlu tal-Bon Kunsill ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika. Ġrajja li seħħet propju 130 sena ilu. Il-knisja taf il-bidu tagħha meta fis-sena 1753 tpoġġiet l-ewwel ġebla tagħha. Knisja Gust Patronat li tappartjeni lill-Familja Testaferrata Bonici. Neriku Testaferrata li kien wieħed mill-antenati ta' din il-familja, li mkebbes b'devozzjoni kbira, ndaħal biex jibni din il-knisja ċkejkna fid-daqs imma kbira fi ġrajjietha. Il-knisja tinsab fi Pjazza Carlo Diacono ftit passi 'il bogħod mill-knisja parrokkjali u ħadet post il-lok fejn fil-bidu kienet se tinbena l-knisja parrokjali. Din kienet se tinbena hawn skont kif fassal in-nobbli Grigor Bonici li kien wieħed mill-antenati ta' din il-familjaTestaferrata Bonici kif ukoll benefattur ewlieni fil-bini tal-knisja. Ix-xewqa tan-nies ta' dak iż-żmien kienet li l-knisja tinbena iktar 'il fuq fejn tinsab illum. Pero' l-ispazju ta' art fejn kellha tiġi knisja parrokkjali mtela' bi knisja oħra xejn inqas dinjituża ddeddikata lill-Madonna tal-Bon Kunsill.

Id-devozzjoni li kibret mill-bidu nett u tkompliet matul għexieren ta' snin waslet lill-Markiż Manuel Testaferrata Bonici antenat ieħor tal-istess familja, biex b'talba lill-Vatikan jitlob sabiex din il-knisja ċkejkna tiġi mogħtija t-titlu ta' Bażilika. Kien fis-sena 1889 meta l-Papa Leone XIII li kien qed imexxi l-knisja ta' dak iż-żmien, laqa' din it-talba u din il-knisja ċkejkna ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika affiljata mal-Bażlika tal-Lateran li tinsab ġewwa Ruma. Min jaf x'ferħ ġabet din il-ġrajja kemm fir-retturi tagħha kif ukoll fil-poplu Żejtuni li issa fuq l-art tiegħu kellu knisja mogħnija b'titlu hekk sabiħ.

Il-knisja minnha nnifisha hija ġawhra ta' arkitettura klassika mżejna u miksija b'irħam fin flimkien ma' opri ta'arti oħra bħal pittura li jżejnuha li ħarġu minn

*ikompli....*





idejn artisti ċelebri. Forsi l-qalb ta' din il-knisja hu l-kwadru titulari tal-Madonna bil-Bambin taħt it-titlu tal-Bon Kunsill li min jaf kemm –il wieħed u waħda minn dawk ta' qabilna resqu lejh għall-faraġ u konsolazzjoni. Dan jixduh il-wegħdi tal-grazzji li jżejnu din il-knisja. Bosta mill-antenati tagħna wettqu s-sagrament taż-żwieġ tagħhom taħt din ix-xbieha. Bosta ommijiet ippreżentaw lit-trabi tagħhom f'din il-knisja u bosta ġenituri semmew lil uliedhom għal dan it-titlu hekk sabiħ tal-Madonna. Tant hu hekk li fiż-Żejtun, l-isem ta' Consiglio jew Consiglia kien poplari ħafna. Lejn din il-knisja resqu folol kbar li matul is-snin sabu l-faraġ. Biżżejjed wieħedjgħid li l-altar maġġur tagħha jgawdi privileġġ speċjali.

Mogħnija b'pittura mill-isbaħ, il-koppla maestuża mpittra b'pittura li tirrappreżenta l-ġrajja tad-dehra tal-inkwadru mirakoluż impittra mill-pittur Taljan Filippo Venuti li ħalla kapolavur fil-pittura tiegħu. Xejn inqas l-erba' pendent ta' taħt il-koppla xogħol l-istess pittur li jirrappreżenta l-appostli Pietru u Pawlu kif ukoll Ġwanni L-Battista u Ġwanni l-Evanġelista.

Il-pittur Malti Ġużeppi Cali ħalla żewġ opri tiegħu fil-kwadri ta' San Vincenz Ferreri u dak ta' Sant Antnin ta' Padova. Il-pittur Ġużeppi Calleja wera l-ħila artistika tiegħu fil-pittura tal-inkwadru ta' San Ġużeppi Labre. Iż-żewġ artali laterali, wieħed iddedikat lil Santu Rokku protettur tal-marda tal-pesta xogħol ieħor ta' Filippo Venuti u dak ta' Ġesu` Kurċifiss xogħol magħruf bħala ' Ta' Lucca' xogħol pittur mhux magħruf.

Semmejna iktar 'il fuq lil San Ġużeppi Labre; pellegrin li ġie hawn Malta u milqut mid-devozzjoni lin-nies kellha lejn din il-knisja, nsibu li hu stess ġie jżurha u jitlob fiha. Illum f'din il-knisja nsibu relikwa ta' dan il-qaddis. F'din il-knisja wkoll insibu ppriservati l–fdalijiet tal-qaddisa martri Santa Feliċita' miġjuba mil-Katakombi ta' Ruma.

Knisja bi storja kbira ta' devozzjoni Marjana li kibret minn żmien għal żmien. Knisja li llum qed niċċelebraw il-130 sena li ilha Bażlika. Ħarsitna u ħsibijietna jmorru 'l fuq lejn dik l-Omm tal-Parir it-Tajjeb biex tilqa' talbna, tħarisna, tberikna, tipproteġina u tieqaf magħna tul ħajjitna kollha.

FSADNI
BODY SHOP & PAINT
SINCE 1969
COLLISION REPAIR SPECIALIST
2166 5284 | 9942 3878
fsadnigarage@hotmail.com